Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

Data tal-laqgħa: 20 ta' Jannar 2026

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.09pm.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 19. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

20.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier MLB il-minuti ġew approvati.

## 20.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

20.3.1 Para 19.3.2 - Riflettur ta' quddiem il-Knisja
Is-SE infurmat li l-kuntrattur qed jistenna kwotazzjoni ta' *spot lights (warm white)* mingħand is-*supplier.*

20.3.2 Para 19.3.4 - *Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal
Is-SE infurmat li bagħtet *reminder* lill-HSBC biex iwaħħlu t-tabella.

20.3.3 Para 19.3.5 - Triq Idmejda (Uffiċċju tal-iskejjel tal-Knisja)
Is-SE infurmat li t-talba biex issir 20km/siegħa ma ġietx approvata minn TM. Is-sinjali fl-art ta' 30km/siegħa saru.

20.3.4 Para 19.4.1 - Laqgħa ma' Balzan Football Club
Is-Sindku se jkun qed jgħaddi d-dettalji ta' fejn jistgħu jitwaħħlu t-tabelli biex juru d-direzzjoni għall-*ground* tal-*Football* li se jitwaħħlu ma' arbli eżesteni fil-lokalità.

## 20.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.4.1 Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza
Is-Sindku ltaqa' mal-*electrician* u pruvaw riflettur ma' siġra fil-pjazza. L-effett tad-dawl mill-konka għal fuq intgħoġob mill-Kunsilliera u għalhekk kien hemm qbil li nipproċedu biex isir dan it-tip ta' dawl mas-siġar tal-pjazza. Se nikkoordinaw ix-xogħlijiet mal-*electrician* u l-ħaddiema tal-Kunsill.

20.4.2 Ambaxxatur Spanjol f'Malta
Is-Sindku infurma li dan huwa l-aħħar xahar tal-Ambaxxatur Spanjol f'Malta u li se jistieden lill-Ambaxxatur il-ġdid għal laqgħa ta' kortesija biex tinżamm ir-relazzjoni tajba bejn iż-żewġ naħat.

20.4.3 Problema tal-ħamiem
Is-Sindku infurma li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Tramuntana ġew ippreżentati apparat li ser jintuża bi prova bħala tentattiv biex tittaffa l-problema tal-ħamiem. Aktar dettalji ser jingħataw 'il quddiem.

20.4.4 SPI/SCI/04/2023 – Skema ta' Finanzjament – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati
Is-Sindku infurma li reġgħet intalbet estensjoni lid-DGL tal-iskema li kellha tiġi implimentata sal-aħħar tal-2025, peress li l-permess tat-*trenching* biex isiru l-arbli tas-CCTVs fuq il-bankina għadu ma ħariġx minn TM, minkejja li l-applikazzjoni saret f'Lulju 2025.

20.4.5 Manutenzjoni tal-*Playing field*
Is-Sindku infurma li flimkien mas-SE kellu laqgħa mat-*Tourism Zones Regeneration Agency*, fejn ġie kkonfermat li ser isir xogħol ta' manutenzjoni fil-*playing field*, inkluż żebgħa tal-*gazebo*, iċ-ċnut, iż-żurżieqa u l-latrina. L-Aġenzija se tipprovdi l-ħaddiema, filwaqt li l-Kunsill ser jixtri l-materjal meħtieġ.

20.4.6 Xogħlijiet li se jsiru minn l-Enemalta plc
Is-Sindku infurma lix-xogħlijiet fi Triq il-Ferrovija l-Qadima se jibdew għal bidu ta' Frar 2026. Ix-xogħol se jsir fi

tliet (3) fażijiet u qed jippjanaw jkun tlesta f'50 ġurnata. Qed jiġi ppjanat lix-xogħol fi Triq il-Kbira jkunu lest fi żmien tliet (3) ġimgħat u se jibda wara li tkun lesta Triq il-Ferrovija l-Qadima. Il-Kunsill qed jesiġi li f'każ li ma jkun se jkun hemm aċċess għall-garaxxijiet, l-Enemalta plc għandha tinfurma lis-sidien minn qabel.

20.4.7 <u>Vjal Kulħadd</u>
Is-Sindku infurma li kiteb lill-Ministru dwar il-proġett tal-Kunsill (għalqa f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina) li kien intgħażel għat-tieni fażi tal-iskema li kellha tibda din is-sena u s'issa għadna mingħajr risposta. Il-Perit tal-Kunsill se jipprova jitkellem ma' xi ħadd permezz ta' kuntatti li għandu.

## 20.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

20.6.1 L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti u jagħti xi spjegazzjonijiet u jirrispondi xi mistoqsijiet li jkollhom il-Kunsilliera.

20.6.2 <u>Rapport Finanzjarju għas-sena 2025</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet u rrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

20.6.3 <u>Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart minn Jannar sa Diċembru 2025</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

20.6.4 <u>Estimi Finanzjarji 2026</u>
L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026, kif approvati fl-aħħar laqgħa, ġew ippreżentati lill-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet u rrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

20.6.5.1 <u>Pjan ta' Ħidma 2026 - 2030</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma 2026 - 2030. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet u irrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

20.6.5.2 Bħala dħul mill-Gvern Ċentrali qed jiġi stmat żieda ta' 2% meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Se jsir eżerċizzju ta' analiżi biex jiġi evalwat f'liema sitwazzjoni nkunu fil-każ li ż-żieda fid-dħul mill-Gvern Ċentrali tkun ta' 0.5% biss fuq is-sena preċedenti.

20.6.6 Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Viċi Sindku EG, dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament.

## 20.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

20.5.1 Il-Kunsillier MLB staqsiet kif bqajna fuq l-isprall ta' fejn l-Ex-Dolphin Centre fi Triq il-Kbira għax għadu jagħmel ħafna storbju. Is-Sindku infurma li se nkunu qed nibgħatu *reminder* lill-entità ikkonċernata.

## 20.7 *Administration Officer* II (Skala 9)

20.7.1 Is-SE infurmat li l-impjegata li preżentement għandha l-impjieg tagħha estiż sa Awwissu 2026, qed titlob li terġa' testendi l-impieg tagħha b'sena oħra, din id-darba fuq bażi ta' *part-time* minflok *full-time*. L-impjegata kkonċernata għandha tinfurmana sa Novembru / Diċembru 2026 dwar jekk hix se tkompli taħdem magħna,s-sena d-dieħla sabiex inkunu nistgħu nsibu sostitut.

20.7.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba. Ser nitolbu l-approvazzjoni tad-DGL.

## 20.8 Jum San Valentin 2026

20.8.1 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar l-attività li se ssir il-Ħadd 15 ta' Frar 2026 mis-7.00pm il'quddiem, fis-Sala Aurora. Din l-attività se ssir b'għajnuna finanzjarja mid-DGL u mir-Reġjun Tramuntana.

**F'dan il-ħin (5.47pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.52pm.**

20.8.2 Il-Kunsill qabel li għall-Festa tal-Għid se jkun qed jagħmel ornament relatat ma' din il-festa fil-Pjazza, li fiha se jkun hemm il-parteċipazzjoni tal-pubbliku. Il-Kunsill se joħroġ aktar dettalji dalwaqt.

## 20.9 Skemi Finanzjarji

20.9.1 Is-SE infurmat li m'hemmx Skemi ġodda x'jiġu diskussi.

## 20.10 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

20.10.1 Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech

Il-bust għandu jkun lest għall-aħħar ta' Jannar 2026. Kif ikun lest, se napplikaw għall-permess mal-PA.

## 20.11 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

20.11.1 Kwotazzjonijiet biex issir bankina ġdida fi Triq it-Tabib J. Zammit

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet biex issir bankina ġdida mal-ħajt tad-dar nru. 13. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta' Nabbu Excavation.

20.11.2 Kwotazzjonijiet biex issir bankina ġdida fi Triq il-Kbira

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet biex issir bankina ġdida fi Triq il-Kbira quddiem dar nru. 227. Il-Kunsill unanimament approva l-offerta ta' Nabbu Excavation, li hija t-tieni (2) l-irħas offerta għax għal €75 aktar, issir minn l-istess kuntrattur li se jagħmel il-bankina ta' Triq it-Tabib J. Zammit u b'hekk isiru f'daqqa.

20.11.3 Talba biex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja - Benrikville

L-iżviluppatur qed jerġa' jitlob biex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja relatata mal-kostruzzjoni ta' din il-binja. Din it-talba ma ġietx approvata għax it-triq tħalliet fi stat ħażin. Is-SE infurmat li l-kuntrattur ġie nfurmat diversi drabi biex jirranġa t-triq fil-passat, saħansitra bgħatna ittra legali u dejjem ġejna injorati. Il-garanzija tiġi rilaxxata meta tiġi rranġata t-triq.

20.11.4.1 Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer

Il-Kunsillier MLB infurmat li hemm bżonn li tiġi rranġata din il-parti tat-triq għax hemm ħafna ħofor. Is-Sindku qal li din il-parti tat-triq hemm bżonn li tiġi rikostruwita mill-ġdid. Sadanittant se jsir *patching* biex jitneħħa l-periklu.

20.11.4.2 Il-Kunsillier MLB infurmat li l-*parking bay* fil-kantuniera għadu ma sarx. Is-SE qalet li f'xi laqgħa preċedenti kienet infurmat li dan ma jistax isir għax se jiġi eżatt f'kantuniera u se jiġi fin-nofs. Kien hemm qbil li jsir xorta.

20.11.5.1 Talba biex isiru żewġ (2) *bollards* mal-ġenb ta' garaxx

Residenta qed titlob li jsiru żewġ (2) *bollards* mal-ġenb tal-garaxx tagħha fi Triq il-Patri Ġuże' Delia k/m Triq San Franġisk għax qed jipparkjaw il-karozzi fuq id-dyls u qed jostakolawlha l-aċċess tal-garaxx. Hija *policy* tal-Kunsill li ma jitwaħħlux *bollards* mal-ġnub ta' garaxxijiet.

20.11.5.2 Il-Kunsill iddiskuta u bħala alternattiva biex jiġi evitat li jipparkjaw karozzi mal-ġenb tal-garaxx, dejjem jekk taċċetta r-residenta, il-Kunsill jissuġġerixxi li jew ssir *MC Bay* jew *planter* żgħira (għax inzerta hemm kantuniera fil-bankina).

20.11.6.1 Talba biex issir mera

Residenta qed titlob li ssir mera fi Triq San Valentin faċċata ta' Triq Sisner biex tara l-vetturi li jkun ġejjin min-naħa tax-xellug. Il-Kunsill approva li ssir mera żgħira bejn iż-żewġ residenzi. Se napplikaw għal permess ma' TM.

20.11.6.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku EG, il-Kunsill approva wkoll li ssir mera fi Triq il-Kbira k/m Triq San Franġisk (fejn l-ispiżerija) biex min ikun ħiereġ minn fejn l-iskola San Alwiġi jara vetturi li jkunu ġejjin. Se napplikaw għal permess ta' TM.

20.11.7 Talba biex issir *MC Bay* fi Triq San Franġisk

Resident qed jitlob li ssir *MC Bay* faċċata ta' Homeland Court. Din it-talba ma ġietx approvata għax il-kwistjoni tal-kumpless tal-garaxxijiet ma' TM għadha ma ġietx riżolta.

20.11.8 <u>Talba biex issir *MC Bay* minflok *parking bay* fi Triq San Franġisk</u>

Resident qed jitlob li jitneħħa l-aħħar *parking bay* li hemm qabel ma toħroġ għal Wied Ħal Balzan u minflok isir MC Bay. Din it-talba ma ġietx approvata.

20.11.9.1 <u>Bankina fi Triq iz-Zekkuk</u>

Is-Sindku infurma li residenta mill-parti ta' ġewwa tat-triq qed tilmenta li qed jidħlilha l-ilma mill-bankina kull meta tagħmel ix-xita. Is-SE infurmat li saru diversi spezzjonijiet u jidher li m'hemm xejn ħażin. Ir-residenta kienet ġiet infurmata li ma jista' jsir xejn min-naħa tal-Kunsill.

**F'dan il-ħin (6.20pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-6.26pm.**

20.11.9.2 Peress lir-residenta baqgħet tinsisti li qed jidħol l-ilma, kien hemm qbil li nitolbu l-parir tal-Perit tal-Kunsill jew issir spezzjoni fil-ħin li tkun ix-xita.

## 20.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

20.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 01/26, li tinkludi l-ammont ta' €91.90c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Diċembru 2025.

20.12.2 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Kunsillier MLB assentat ruħha mill-approvazzjoni ta' pagamenti nru. 19 u 27 (transazzjoni nru. 13/26 u 20/26).

20.12.3 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku EG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 20.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

20.13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-6.30pm.

20.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 19 ta' Frar 2026 fil-5.00pm.

Konfermati, il-Ħamis, 19 ta' Frar 2026.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv